VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA                VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 20**

It-Tlieta 14 ta' Ottubru 2014, fis-7.00pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Raymond Azzopardi, Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri. L-Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti wkoll. Il-Kunsillier Raymond Attard kien skuzat minħabba ragunijiet ta' xogħol.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 19 li saret nhar Tlieta 9 ta' Settembru 2014, fis-7.00pm kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-applikazzjoni ta' Sump ġiet sottomessa.

1.2 Il-Kunsillieri Raymond Azzopardi nforma li wara li saret l-appikazzjoni ta' Sump u wara li l-kunsill kellu il-preżentazzjoni dwar il-proġett xtaq jissuggerixxi li l-kunsill jadotta sistema li ntweriet fuq l-aħbarijiet.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li minħabba li din kienet l-aħħar laqgħa għal Ambaxxatur lokali Jurgen Briffa. Is-Sindku rringrazzja lil Jurgen Briffa, d-deskrivih bħala persuna eżemplari. Is-Sindku nforma li xtaq li Jurgen jsir Ambaxxatur Onorarju għalhekk jibqa jattendi għal laqgħat u attivitajiet. Se jkun spalla ukoll għal Ambaxxatur il-ġdid. Is-Segretarja żiedet li Jurgen ser ikun qed jieħu ħsieb il-grupp taħ zgħazagħ min 18 il-fuq wara li tkellmet ma Robert min Aċċess.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara li l-kunsill qed jirċievi ammont ta' llmenti anke min Ministeri dwar l-iskart tal-ħwienet. Għalhekk is-suggerixxa li Matthew Carbonaro jieħu ħsieb li jifformula leaflet informattiv dwar l-iskart kemm dak residenzjali kif ukoll dak tar-ristoranti.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-wardens tal-Kumpanija l-ġdida bdew u jidher li qed jagħmlu effett. Is-Sindku nforma pero li fejn jitħlu l-eco wardens wara li saritlu talba biex jibdew joperaw fil-Belt, l-AO tar-reġjun John Bonavia nforma lis-Sindku li dawn setghu joperaw bis gurnata f'Diċembru. Is-Sindku sostna li dan mhux accettabli u talab lil-President tar-regjun jintervjeni fil-kwistjoni.

2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli, wara li kellu laqa ta' konsultazjoni mal-GRTU u ma l-ghaqdiet tal-hwienet fil-Belt, qed jissugerixxi li l-ġbir ta' iskart fiċ-ċentru għandu jibda jsir fil-għodu dan biex matul il-gurnata u filghaxijja fiċ-ċentru ma jkunx hemm ġbir ta' l-iskart. Kien hemm qbil dwar dan.

2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli propona li l-kunsill għandu jieħu azzjoni dwar l-Uffiċċini l-ġodda tal-Kunsill. l-Sindku nforma li it-tentativi ta'medjazjoni kollha mal-gvern waqaw f'widnejn torox u il-kunsill ma inghatax risposta. Saret diskussjoni jekk għandiex issir press conference u l kunsill qabel li jagħmel l-aħħar tentattiv mal-Ministru u jekk dan ma jsirx il-Kunsill kollu se jaghmel press conference. F'Dan il-ħin l-kunsillier Raymond Azzopardi wissa li jekk issir press conference, il-gvern se jdawwar il-kanuni tieghu kontra il-kunsill.

2.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar il-laqgħa dwar cva li ser issir nhar it-tnejn 27 ta' Ottubru fin 12.30pm.

2.7 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ta' id-dettalji dwar il-laqgħa li attenda ġewwa Ruma ġie diskuss l-fond 5% ta' ERDF funds ghal l-ibliet. Skont il-Kummissjoni Ewropea, b'differenza ta' pajjizi ohra, il-gvern malti qed jipprova jaddi dawn l-flus lill-Awtoritaijiet u mhux lill-Kunsill Lokali. Fil-fatt, ir-raprezentat tal-Kummissjoni kien mistghageb kif ahna ma konniex ikkonsultati.

2.8 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar il-konferenza li saret ġewwa Lucca fejn kien mistieden biex jagħti prezentation dwar Smart Cities. Nforma lil Kunsill li ser jipparteċipa fi proġett Horizon 2020 ser isir research bed ġewwa l-Belt Valletta dwar Smart Governance.

2.9 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qabbad lill-works coordinator biex jagħlaq sew l-aċċess għal biċċerija peress li kien qed jerġgħa jsir abbuz.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 Il-Viċi Sindku Christian Darren Micallef nforma lill-Kunsill dwar iż-żjara tal-grupp min Chichester. Irringrazzja s-Segretarju Ezekkutiv tad-dedikazzjoni taghha mal-grupp. Nforma li hemm lwog li jsir twinning u anke xi proġetti oħra ewropej.

3.2 Il-Viċi Sindku Christian Darren Micallef nforma lil Kunsill dwar ilment li rċieva min għand Fr Deo Debono biex isiru bollards quddiem il-knisja ta' Santu Wistin.

3.3 Il-Viċi Sindku Christian Darren Micallef fakkar lis-Segretarju Ezekuttiv biex tagħmel laqgħa ma Ministru Dr Edward Zammit Lewis dwar l-konferenza World Tourism Federation.

3.4 Il-Kunsillier Vincent Fabri tkellem dwar l-ħsibijiet tiegħu dwar l-iskart li qed ikun hemm ġewwa Hospital street. Jidher li hemm xi ħwienet li qed jabbuzzaw u jitfgħu kaxxex barra l-iskip. Is-Sindku s-suggerixxa li ssir carmera li tkun tista timxi min post għal ieħor biex jinqabad min qed jabbuża.

3.5 Il-Kunsill Raymond Azzopardi nforma li l-iskip ta' ġewwa Victoria Gate qed jigu nies min barra l-belt jitfgħu ġo fiha. Nforma ukoll li min qed jagħmel dan l-użu qed jagħti daqqa l-iskip bil-van b'konsegwenza li l-iskips qed jitkissru.

3.6 Il-Kunsill Raymond Azzopardi nforma li għandhom isiru waste bins ġodda ġewwa Barbara Bastions. Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma' Ramon Deguara mill-Public Cleansing dwar dan is-suggett u ser isiru bins ġodda ġewwa iċ-ċentru tal-Belt Valletta kif ukoll fir-ring road.

3.7 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li dwar l-ilmenti li kienu qed jidħlu ġewwa l-Kunsill dwar il-bdil tal-parking ta' Triq Melita hu ngħata email li kienet intbgħatet min Luke Genius nhar l-5 ta' Awwissu. Is-Segretarja nfurmat li l-email ma kienetx ircevieta u nfatti anke meta għamel kuntat magħa kemm hu Dr Norman Shaw u anke l-Viċi Sindku Christian Micalled nfurmat li ma kellix emails dwar din il-materja. Dr Norman Shaw nforma li l-emails mhux qegħdin jaslu għand il-kunsill u għandu d-dubju din saritx apposta. L-Kunsill Raymond Azzopardi nforma lil Dr Norman Shaw li issa jista jifhem meta hu kien jgħid li s-Segretarju Eżekuttiv taħbi l-affarijiet mill-Kunsilleri. Is-Segretarja Ezekuttiv wriet d-dispjaċir tagħha w

nfurmat li zgur li qatt ma rat dik l email. Hi nfurmat li ċemplet Transport Malta biex tiċċekja dwar il-kambjament fil-parking pero kienet għadha ma ngħatatx risposta lura.

3.8 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa dwar l-bollards li għamel Sur Giles quddiem il-garaxx tiegħu fit-tela' ta' Liesse. Nforma jekk il-kunsill jaqbilx ma dawn il-bollards, il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li dawn il-bollards jaf bihom Matthew Carbonaro għaliex skond Sur Giles tkellem miegħu fuq din il-problema.

3.9 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa dwar l-parkings li kellhom ta' Voices jekk kellhomx permess. Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li kellhom permess fuq il-bojod u 5 reserved parkings kellhom.

3.10 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa dwar il-bandiera u Segretarju Ezekuttiv nfurmat li ttieħdet għat-tiswija.

3.11 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa dwar għalfejn ma nħargux permess għal gabbani fl-Indipendenza. Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li hi ma ġietx infurmata x ser jigri għalhekk ma setgħet toħrog permessi. Nfurat li ntbgħatet email gurnata qabel l-attivita pero kien tard wisq biex wieħed ikun jista jikkonsidra ħruġ ta' peressi. F' dak iz-zmien kellna l-youth project ukoll. Il-Kunsill Raymond Azzopardi nforma ukoll li mgjegat partikolari qal lil nies biex jigu l-kunsill fl-aħħar jumejn imbgħad ħareġ bis-sick leave.

3.12 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi tkellem dwar kif l-Impjegat tal-Kunsill Tony Galea irrabja ma resident dwar l-cards tar-residenti.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR

4.1 Jurgen Briffa Ambaxxatur nforma li attenda laqgħa mal-Onor. Chris Agius s-Segretarju Parlmentari għaż-Żgħażagħ u Sport. Tkellimu dwar id-diffikultajiet li sab u li jeżistu fil-Belt fejn jidħol il-qasam taż-żgħażagħ. Huwa fehem eżatt il-problemi li jeżistu u li waħda minn din il-problemi hija li ħafna nies fis-soċjeta jimmarkaw lin-nies beltin bħalha nies mhux bħal oħrajn. Tkellem miegħu ukoll fuq it-terminu ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, irrimarka li fil-belt jekk liż-żgħażagħ ma ddaħlilhomx il-football, festa u karnival fil ħajja tagħhom dawn ma jinvolvu ruhom f xejn aktar. B'hekk semma il fatt li kien għamel attivita bil-karrijiet ta' tfal li saret ġo l-iskola primarja tal belt u li kienet success kbir. Semma ukoll n -nuqqas ta' faċilitaijiet sportivi li għandna fil-belt, fejn l-Onor. Agius qabel mieghu u qal li din hija problema kbira fil-belt. L-Ambaxxatur kompla miegħu bl-argument li kieku hemm aktar faċilitajiet iż-żagħżagħ jibdew ikunu aktar protagonisti fl-isport milli jsegwuh biss u jkun iktar ta' ġid għalihom. Din il-laqgħa ntemmet b'mod pozittiv ħafna fejn l-Onor. Agius irringrazzjah tal-ġid li għamel tul dawn il-11 il-xahar u wegħdu li iktar il-quddiem ha jkun qed jinnominah għal Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

4.2 Laqgħa oħra li kien mistieden għalija kienet dik mal-Ministru Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo. Din il-laqgħa kienet laqgħa ta' konsultazzjoni dwar l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali. Il-Ministru saħaq li jkun ta' ġid kbir kieku tal-2015 isiru kif inhu pjanat imma tal-2017 jittardjaw b'sentejn u jsiru mal-elezzjonijiet tal-parlament

ewropew. Huwa saħaq li dan ikun ta' ġid għal poplu kollhu għax b'hekk it-turnout ta' nies li jivvutaw jikber awtomatikament u l-kunsill ikun jista jaħdem għal 5 snin, fejn hekk ikollu iktar ċans jaħdem fuq progetti. F'din il-laqgħa l-Ambaxxatur għamel l-intervent tiegħu u nforma li bl-ebda mod ma jaqbel li l-elezzjoni li jmiss timxi b'sentejn, peress li r-residenti tal-lokal kienu ivvutaw għal kunsill tagħhom sal-2017 u mhux sal-2019. Min naħa l-oħra l-Ambaxxatur qabel ħafna li ssir ma' elezzjoni oħra ħalli t-turnout jikber u anki li ssir kull ħames snin, għax b'hekk il-kunsill ikun jista jaħdem ħafna aktar, pero mhux b'daqshekk għaġla mingħajr il-kunsens tar-residenti. Il-Ministru Bonnici fehem il-punt mressaq pero nfurmah li l-unika mezz ieħor li jista jsir huwa li l-elezzjoni issir fl-2015 flokk 2017, u dan ma jkunx sew li tnaqqas leġiżlatura. Il-punt tiegħu kien wieħed validu ħafna pero l-Ambaxxatur baqa jsostni li la mhux sew li ssir sena qabel ma jaħsibx li huwa sew li ssir sentejn wara. Din il-laqgħa intemmet b'ħafna pożżitivita' fejn l-Ambaxxaturi taż-żagħażagħ semmaw leħinhon lejn il-Ministru u ittiħed kull suġġeriment li kien hemm proponut.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Is-Soċieta Filarmonica La Valette bgħatet invit lill-Kunsill kollu biex jattendi għal ċerimonja kommemorattiva f' egħluq l- 140 sena mit-twaqqif tagħha. Din ser issir nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru 2014.

5.2 Ittra ta' ringrazzjament min Kensington Palace wara ż-żjara tal-Prinċep ġewwa l-Belt Valletta.

5.3 Korrispondenza min għand Jake Scerri fejn wera' l-interess li jsir Ambaxxatur lokali. Il-Kunsill kollu qabel li dan għandu jsir Ambaxxatur peress li għandu l-eta' u bgħat id-dokumenti mehtieġa.

5.4 Korrispondenza min għand il-Ministeru tat-Turizmu dwar l-abbuz mil-ħwienet ta' St Mark street u Triq San Patrizju. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jintbgħatilhom l-warden biex jitkellem magħhom.

5.5 Korrispondenza min għand Sur Dennis Caruana dwar sistema ġdida li ser tintuża fuq il-bini tal-parlament biex iżżomm l-ħamiem il-bogħod.

5.6 Korrispondenza min għand l-avukata tad-dipartiment ta' gvern lokali biex tinforma lill-Kunsill li l-bye-laws ta' Karrozzini kif ukoll dik tal-Kolletturi ta' l-iskart ġew ir-rifjutati. Is-Sindku nforma li dwar tal-Kolletturi ta' l-iskart għaddejjin diskusjonijiet ma Jason Micallef mill-V18 kif ukoll ma Ramon Deguara mill-Public Cleansing biex jinbidel il-ħin tal-ġbir fiċ-ċentru.

5.7 Korrispondenza min għand Cafe Cordina biex jagħmel tinda ġol Pjazza quddiem il-Bibjoteka. Il-Kunsill ħa vot u b 4 voti Prof. Alexiei Dingli, Christian Micallef, Vincent Farrugia u Vince Fabri kontra 2 Dr Norman Shaw u Raymond Azzopardi qabel li din it-tinda m'għandiex issir.

5.8 Petizzjoni min għand residenti ta' Triq l-Arċisqof dwar il-bollards li qed jinqalaw biex jitwaħħlu sew. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.9 Korrispondenza dwar l-proġett Let's Play Move 18. Il-Kunsill qabel li għadnu jkun parteċipi fil-proġett.

5.10 Messaġġ min għand Etienne Montfort dwar l-parking li tneħħa ġewwa Triq Zekka. Kif ukoll dwar il-garaxx li għandhom l-patrijiet Agostinjani li mhux qed jintuża bħala garaxx.

5.11 Il-Kunsill rċieva l-peressi mill-Assocjazzjoni tal-Gvern Lokali ta' Cafe Cordina, Eddie's Cafe, Angelica Restaurant u Ambrosia Restaurant.

## 6. AMMINISTRAZZJONI

6.1 Ser joħorġu tenders ġodda
6.1.1 Ġbir ta skart residenzjali
6.1.2 Ġbir ta skart żona kummerċjali
6.1.3 Knis żona residenzjali
6.1.4 Railings peacock garden
6.1.5 Website.

6.2 Is-Segretarju Ezekkuttiv nfurmat li ser issir PABX skond rakomandazzjoni tal-bord tal-governanza. Nġiebu 3 quotation u l-go plc offra l-aħjar offerta.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li saret applikazzjoni għal proġett ieħor taż-żgħażagħ.

**TMIEM**

Fl-21.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 4 ta' Novembru 2014 fit -19:00hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku